# K U N S I L L   L O K A L I   K I R K O P

Il-Minut tat-tmienja u tletin (38) laqgħa tas-sitt leġislatura tal-Kunsill Lokali Kirkop li saret nhar l-Erbgħa 20 ta' Lulju, 2011 fl-Erbgħa u nofs ta' wara nofs in-nhar (4.30pm) fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

*Preżenti għall-Laqgħa:* Mario Salerno Sindku
Joe Carbone Viċi Sindku
Stephen Mizzi Kunsillier
Rose Roberts Kunsillier
Ranier Busuttil Segretarju Eżekuttiv

*Assenti:* Nadia Zammit Kunsillier

S-Sindku ppresedja l-laqgħa.

**1. Qari u Konsiderazzjonijiet tal-Minuti**

1.1. Il-Minuti tal-laqgħa tqassmu u inqraw.

**2. Punti Mqajjma mill-Minuti**

2.1. Ma kienx hemm punti imqajjma mil-Minuti.

**3. Approvazzjoni tal-Minuti**

3.1. Il-Minuti ġew approvati mis-Sindku Mario Salerno u ssekondati mil-Kunsillier Stephen Mizzi.

4. **Stqarrija tas-Sindku Mario Salerno**

4.1. Is-Sindku beda fuq il-programm tat-toroq u qal li iltaqa mal-Perit Bezzina u Noel ta' l-Asfaltar flok Paul Magro. Triq San Nikola ġie miftiehem li il-pipijiet ta' l-ilma jgħaddu minn ġor raba u l-perit uriegħ minn fejn irid jgħaddi eżatt. Rigward Triq il-Gudja ġie miftiehem li jitħalla metru minn mal ħajt biex it-trakkijiet ikunu jistgħu iduru komdi. Ix-Xogħol ta tqaxxir u tindif fuq Triq il-Gudja beda nhar it-Tnejn li għadda.

Fi Triq l-Aħfar hemm problema tal-culvert ta' l-ilma li iridu itawwlu il-pipe biex iwassal għal Triq il-Lewżiet. Dan minħabba biex l-ilma ma jmurx għal fuq il-grawnd il-ġdid li inbena. Dan ix-Xogħol għandu jkun lest sa l-aħħar tas-Sajf.

4.2. Is-Sindku qal li tajjeb noħorġu tender għal sinjali tat-toroq ġodda. It-toroq li iridu jsiru huma Triq il-Fieres u Triq l-Imdina. Stephen Mizzi talab li kif ikun ser jinħareġ it-tender jintbgħatu l-ispecific conditions għall-approvazzjoni tal-kunsilliera.

4.3. Toroq li qed isiru minn Transport Malta – Is-Sindku qal li iċ-Ċaqnu beda ix-xogħol fuq Triq 29 ta' Mejju. Triq Fdal Paleocristjani ha jaħdima kuntrattur ieħor. Il-Kunsill qiegħed jipprova jaqbad lil Graziella Galea sabiex nikkordinaw magħha.

4.4. Rigward it-trasport pubbliku u l-Arriva is-Sindku qal issa li għaddew 15 –il gurnata mil-bidu tar-riforma l-istages għadhom problema. Ir-rotta 71 għadda minn fejn Mario Galea u qabżu lin-nies kollha ta' minn fejn Edwin Ironmongery. Għalhekk irridu naraw eżattament liema rotot ser jibdew jgħaddu minn ġor raħal.

Is-Sur Mizzi qal li ir-rotot li jitilgħu lejn iż-Żurrieq qegħdin iżommu il-ħinijiet kif suppost pero dawk li jitilqgħu miż-Żurrieq m'humiex. Stephen staqsa għaliex il-Bus Shelters għadhom ma waslux u inqbiżna minn kulħadd. Is-Sindku qallu li dak in-nhar li beda il-proċess ta' l-applikazzjoni tal-bus shelters Stephen kien miegħu u issa l-aħħar update minn għand Kevin Zahra huwa li issa imiss il-permess mil-MEPA.

Is-Sindku talab li nagħmlu laqgħa ma' Kevin Zahra u Manuel Delia sabiex niddiskutu dawn il-punti. Stephen żied ukoll li qabel tajjeb niltaqgħu bejnietna sabiex niffissaw ir-rotot.

4.5. Is-Sindku tkellem fuq ir-restawr tan-niċeċ u statwi u qal li issa kull ma jonqos huma 3 niċeċ u waħda minnhom, dik ta' fuq il-każin tal-futbol, ir-restawratur għandu bżonn scaffolding pero important li jkollu security miegħu sabiex il-każin ikun safe u ma jkunx hemm lok ta' serq. Kulħadd qabel ma din il-proposta.

4.6. Is-Sur Salerno tkellem fuq il-proġett tal-LitusGo u qal li miexi sew u il-manwal qiegħed fil-proċess li jiġI tradott bil-Malti. Il-materjal tiegħu aċċettawh ukoll l-MCAST. Is-Sindku qal ukoll li il-Project Leaders li huma l-Isotech kellhom jagħmlu bħala garanzija tal-proġett id-dar tagħhom stess. Is-Sindku ħeġġeġ lil sħabu biex jidħlu fil-website tal-proġett u jinteressaw ruħhom fih ukoll.

4.7. Salerno tkellem fuq il-permessi pendenti għandna ta' Pjazza Żernieq u tal-Kunsill il-ġdid. Hu qal li iltaqa ma' Maria Barbara tal-KNPD u issa għandna kollox il-place. Appena ikunu lesti id-disinji mil-Mepa inkunu nistgħu nipproċedu bil-ħruġ ta' tenders.

4.8. Rigward il-proġett tal-Housing miexi ukoll ġmielu issa imiss li nixtru il-power washer, generator u tar-roti u bankijiet.

4.9. Is-Sindku tkellem fuq il-korsijiet tal-frott u ħxejjex u qal li bħala MOAM ser isiru korsijiet tal-ħxejjex biex jieħdu l-Master u ċertifikat. S'issa applikaw 800 u hopefully f'Ottubru ikollna l-Kunsill lest u apparti hekk il-Kunsill ikun jista jieħu xi ħaġa mil-kirjiet. Is-Sur Mizzi qal li tajjeb l-ewwel issir il-Bye-Law sabiex ikunu nistgħu nikru il-premises.

4.10. Korsijiet tal-gardening ser jibdew nhar il-Ġimgħa filgħodu. F'dawn il-korsijiet il-parteċipanti ser jitgħallmu kif iħawwlu u mbgħad il-ħsari li nagħmlu jitwaħħlu mal-galleriji tal-binja tal-Kunsill il-ġdid.

4.11. L-appell tal-Multigas reġa ġie pospost għal Marzu. Is-Sindku qal li tkellem mas-CEO Michael Mifsud u qallu li minn wara li sar l-aċċident għamlu avanz kbir fit-teknoloġija li qed tintuża. Huwa offra lid an l-appell jiġi magħluq nibdew folja ġdida. Huma lesti li anke jisponsorjaw xi proġett li l-kunsill għandu f'moħħu bħal xi ġnien ġdid jew xi ħaġa simili. Is-Sindku qal li huwa jissuġġerixxi li nilqgħu din il-proposta u li b'hekk inkunu nistgħu nagħmlu il-proġett ta' Triq San Pietru. Pero qabel isir dan il-ftehim niltaqgħa ma' l-Avukat u naraw kif ser issir.

4.12. Is-Sindku qal li din il-kamra ta' fejn qiegħed jopera il-Kunsill ser tibqa tagħna biex minnha jingħataw il-korsijiet tal-kompjuter. Minħabba li bħalissa tinsab fi stat ħażin ħafna ta' ventilazzjoni u sħana l-istaff ma jistax jaħdem iktar f'dawn il-kundizzjonijiet u is-Sindku ippropona li inqabbdu electrician li jagħmel l-arrangamenti meħtieġa fuq il-Metre tat-three face u li mil-istima ser tiġi tiswina €1,000 bit-tranking b'kollox, u nkunu nistgħu intuha bħala Direct Order. Kulħadd qabel ma din il-proposta.

4.13. Is-Sur Salerno informa lil sħabu li minn għada is-Sinjorina Anthea Vella ser tibda taħdem fil-Kunsill tagħna.

4.14. Is-Sindku tkellem rigward artiklu li ġie ippublikat fuq in-Nazzjon fuq il-Mozzjoni li ippreżentaw is-Sur Mizzi u s-Sinjorina Zammit sabiex jingħalaq il-Bandli. Huwa qal li diġa bgħat ir-risposta tiegħu personali fuq ir-rigward għaliex kienet indirizzata lilu ukoll u jekk il-Kunsilliera jidrilhom li għandhom jirrispondu kulħadd bil-liberta.

**5. Stqarrija tal-Viċi Sindku Joseph Carbone**

5.1.1. Is-Sur Carbone beda biex tkellem fuq il-Kunsill il-ġdid u qal li x-xogħol huwa lest issa kull ma jonqos huwa il-compliance certificate sabiex napplikaw għad-dawl.

5.1.2. Il-Van li inxtara għal Kunsill għadna qed nistennew mit-Trasport Malta sabiex imexxu it-transfer. Dawn talbuna ħafna dokumenti bħal Minuti ta' meta ġiet deċiża li jinxtara l-van u oħrajn.

5.1.3. Carbone qal li is-sleeping police li hemm fi Triq il-Lewżiet trid titmexxa l-isfel illum qabel għada għaliex issa ilna ħafna ngħidu li ħa titmexxa u għada ma tmexxietx. Is-Sindku qallu li għada ser iqabbad lil ħaddiema biex imorru jagħmlu lilha.

**5.2. Stqarrija tal-Kunsillier Stephen Mizzi**

5.2.1. Is-Sur Mizzi ried jagħmel appell lil Kunsill biex nerġgħu nikkunsidraw il-mozzjoni tal-bandli għaliex in-nies il-ħin kollu jitolbuna biex nagħmlu dan.

5.2.2. Is-Sur Mizzi irringazzja lil Kunsill f'isem il-klabb tal-futbol li ix-xogħol fuq il-culvert miexi wkoll u lid an ser jevita ħsarat fuq il-grawnd tal-futbol il-ġdid.

5.2.3. Stephen tkellem fuq il-korsijiet taż-Zumba u qal li l-korsijiet ser jerġgħu jibdew f' Settembru hekk kif jispiċċaw il-korsijiet ta' l-aerobics. Kif tkellem fil-laqgħa preċedenti Stephen qal li għad fadal bilanċ ta' €900 bħala qliegħ u li bihom ser nissussidjaw lil kull min ser japplika. Kulħadd qabel ma din il-porposta.

5.2.4. Stephen staqsa fuq l-iskema tal-librerija għaliex il-Kunsill ta' Ħal Kirkop ma bbenefikax minn din l-iskema. Is-Segretarju qallu li dik ma konniex applikajna għaliha bi żvista għaliex l-iskrivana Charmaine Caruana ma kienets bagħtitha lil Kunsilliera. Stephen qal inkellmu lil Cynthia Misokova biex naraw x'tista tgħidilna.

**5.3. Stqarrija tal-Kunsillier Rose Roberts**

5.3.1. Is-Sinjura Roberts qalet li sabitha Lisa li tieħu ħsieb il-latrina u qaltilha li wieħed mil-pixxaturi ittaqbitlu is-serpentina, is-switch tad-disabled jaqta malajr meta tmur taħsel filgħaxija u l-vit qiegħed jimmissja. Dawn tajjeb li nieħdu ħsiebhom mil-aktar fis. Complaint ieħor fuq il-latrina minn Lisa kien li fil-festa xi tfal bdew jitfgħu bombi fil-latrina.

5.3.2. Is-Sinjura Rose Roberts riedet terġa tenfasizza li hi ma taqbel xejn ma li reġa' qal Stephen għaliex m'hemmx l-ebda jedd li jingħalaq post privat. U li m'hemmx għalfejn ikun wara l-10pm biex isiru l-abbużi għaliex hi kienet rat atti oxxeni anke fid-dawl tax-xemx wara nofs in-nhar.

5.3.3. Rose talbet li isir reminder lid-Departiment tad-drenaġġ tal-Water Services sabiex jieħdu ħsieb biex isir culvert qabel tibda x-xita għaliex nerġgħu nispiċċaw bil-problema tas-soltu tal-flooding.

Stephen qabel magħha u qal li din hija prijorita u tajjeb nieħdu azzjoni minnufih peress li ha jagħmlu l-iskola l-ġdida.

**6. Awtorizzazjoni tal-pagamenti**

Il-Pagamenti għaddew kollha.

**7.Affarjiiet oħra**

7.1. Rigward il-kontinwazzjoni tal-mozzjoni ta' l-aħħar laqgħa is-Sindku ippreżenta il-Kontra Mozzjoni pproponuta minnu u ssekondata mil-Kunsilliera Rose Roberts. Is-Sindku qara l-kontra-mozzjoni u Stephen Mizzi xtaq spjegazzjoni. Salerno qal li min hui l-fuq minn 14-il sena l-pulizija għandhom dritt jieħdu passi kontra tiegħu. Salerno qal li l-bandli ma jistax jingħalaq għaliex minn hemm jgħaddu persuni b'diżabilta biex inaqqsu t-triq u jiffrankaw il-maltemp. Is-Sindku qal li rridu nitkellmu mal-pulizija li siegħa wara l-inżul tax-xemx iridu jibdew jiċċekjaw il-bandli spiss. Mario qal li ser ikun hemm il-cameras fil-bandli u l-pulizija ser ikunu qegħdin jissorveljawhom. Stephen staqsa jekk sarx xi ħaġa meta kellna diġa żewġ atti vandali. Is-Sindku qallu li azzjoni ittihdet u l-każ mar f'idejn il-pulizija.

Is-Sur Salerno qal li mhux sew li l-minoranza tiddetta l-maġġoranza. Stephen qal li l-minoranza qatt ma iddeddettat imma qegħdin jaħdmu favor iċ-ċittadin. Salerno qal li l-affarijiet neqsin skond ir-rapport ta' l-MSA kollox sar.

Rose qalet li bejn l-10pm u s-7am ma jkunx hemm tfal fil-bandli u għalhekk Mario qal li l-ideali huwa li ssir il-Bye Law sabiex tħarrek lil min jikser il-liġi

Wara li kien hemm diskussjoni il-kontra-mozzjoni għaddiet għall-voti u ġiet approvata bi 3voti favor u wieħed kontra.

**7. Konklużjoni**

7.1. Il-laqgħa intemmet fil-6.30pm.

| | |
|---|---|
| **Mario Salerno** | **Ranier Busuttil** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |